# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2019**

**Talba Nru: 196/2018 PM1**

**Dr. Andre` Borg (ID Nru. 141883(M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' DIVA Beauty Inc Supplies Ltd u Isabella Bellia (ID. Nru. 1299978(M))**

**Vs**

**Gary Camilleri u martu Joanne Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta (3) ta' Mejju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-atturi talbu li:

(1) L-intimata tigi ddikjarata li naqset milli thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tmin mija tnejn u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€842.54) rapprezentanti l-valur tal-bejgh ta' prodotti kkunsinnati lilha skont il-ftehim ta' kunsinna;
(2) L-intimati jigu ddikjarati debituri tar-rikorrenti ghall-ammont imsemmi;
(3) L-intimati jigu kkundannati u ordnati ihallsu l-ammont imsemmi lir-rikorrenti, flimkien mal-interessi legali li jibdew jghoddu minn dakinhar li gew dovuti; bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz konsistenti minn *invoices* datati 20 ta' Novembru, 2017 (Dok. D1 minn fol. 4 sa fol. 8 tal-process) u *invoice* datata 15 ta' Frar, 2018 (fol. 9 tal-process).

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-avviz u dan peress illi fi zmien indikat u cioe` fis-sena 2017, l-esponenti ma kenitx qed topera n-negozju kuntrarjament ghal dak indikat f'Dok. D1.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti Joanne Camilleri ma ghandha thallas xejn lill-atturi u dana peress illi fis-sena 2017 hija ma ghamlitx negozju mal-attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat Gary Camilleri qatt ma kien involut f'ebda negozju mal-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
4. Illi t-talbiet attrici (sic) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra n-nota bl-affidavit tal-attur Dr. Andre` Borg datata 9 t'Ottubru, 2018 (fol. 21 et. seq. tal-process) u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda tal-attrici Bellia moghtija waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru, 2018 u ra wkoll id-dokumenti ezebiti minnha.

Ra n-nota tal-attur datata 27 ta' Novembru, 2018 u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda tal-intimata Joanne Camilleri moghtija fit-18 ta' Frar, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti minnha waqt l-istess seduta.

Kompla jisma' x-xhieda tal-istess intimata Joanne Camilleri moghtija in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2019.

Ikkunsidra x-xhieda u l-atti kollha tal-process.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba da parti tas-socjeta` attrici ghall-hlas lilha tal-prezz allegatament pattwit fir-rigward ta' diversi prodotti ikkonsenjati mill-atturi jew min minnhom lill-intimata *on consignment basis* u liema ammont irrizulta wara li « *Il-partijiet ghamlu ezercizzju ta' rikonciljazzjoni fejn gie immarkat fuq l-istess inventarju l-ammont u t-tip ta' prodotti li inbighu jew inzammu mill-intimata filwaqt li l-prodotti rimanenti gew irritornati lir-rikorrenti anke jekk fi stat hazin* » (avviz a fol. 2 tal-process). Ghal tali talba l-intimati wiegbu illi huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi u dana ghal tlett ragunijiet li jinsabu elenkati, minghajr pregudizzju ghal xulxin, fir-risposta taghhom u cioe` :

1. Illi l-esponenti ma kenitx qed topera n-negozju imsemmi fl-2017
2. Fl-istess sena, u cioe` fis-sena 2017, l-intimata Camilleri m'ghamlitx negozju mal-atturi
3. L-intimat Gary Camilleri qatt ma kien involut f'ebda negozju.

Illi fl-ewwel lok jehtieg li jigi nutat illi t-Tribunal odjern huwa marbut li jiddetermina il-vertenza imressqa quddiemu avut rigward kemm ghat-talba kif ukoll ghall-eccezzjonijiet imressqin ghaliha. Tramite x-xhieda estensiva taghha, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami, l-intimata Joanne Camilleri targumenta li l-ammont m'huwiex dovut

minnha (almenu in parte u sakemm jirrigwardja il-hanut li kien jinsab f'Rahal Gdid) peress illi n-negozju t'hemmhekk kien gestit mis-socjeta` taghha u ta' zewgha bl-isem ta' JCG. L-istess intimata Joanne Camilleri xehdet li hi u zewgha ghalqu n-negozju taghhom f'Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Matul din ix-xhieda taghha l-intimata pruvat tallega li, oltre dan, almenu parti mill-ammont mitlub ma kienx dovut minnha u minn zewgha imma mis-socjeta` taghhom u f'dan ir-rigward ezebiet Merchant Registration Form ghal skopijiet bankarji relattivi ghall-istess socjeta` li, mill-istess dokument (Dok. JC2 a fol. 60 tal-process) jidher li ggib l-isem ta' JCG Beauty Imports Limited. Fuq mistoqsija tat-Tribunal l-intimata xehdet li:

> « *Isabelle Bellie kienet taf li dan il-hanut ta' Rahal Gdid kien fuq isem il-kumpanija taghna. Nghid li fil-fatt is-Sinjura Bellia kienet taf b'dan peress illi meta kienet tghaddilna l-prodotti relativi ghall-hanut f'Rahal Gdid l-invoices kienu jinhargu fuq isem is-socjeta` li semmejt u cioe` JCG.* (…) *Nghid li qed nezebixxi fil-fatt kopji ta' zewg invoices li harget l-istess Isabelle Bellia fir-rigward tal-hanut taghna ta' Rahal Gdid liema invoices qed jigu mmarkati mit-Tribunal bhala Dok. JC3 u JC4 rispettivament.* »

Madanakollu, bil-kontra ta' dan, mill-istess dokumenti ezebiti mill-intimata ma jirrizulta imkien li tali *invoices* inhargu f'isem is-socjeta` indikata mill-istess intimata. Hekk ukoll, anke d-dokument a fol. 66 tal-process, li jinkludi d-dettalji tal-applikazzjoni relattivi ghall-fornitura tal-prodotti, ma jaghmel ebda referenza ghal tali socjeta` imma jinsab indiat l-isem tal-intimata kemm fir-rigward tal-hanut fil-Mosta kif ukoll fir-rigward tal-hanut f'Rahal Gdid. Mistoqsija dwar il-kontenut tal-*invoices* ezebiti minnha stess, l-intimata wiegbet:

> « *Qed nara dokument JC3 u nikkonferma li dan id-dokument ahna hallasna a bazi tieghu. Fuq mistoqsija tat-tribunal nghid li l-indikazzjoni tal-kumpanija suppost kellhu jigi indikat f'dik il-parti tal-invoice li tghid 'Bill to », f'dan il-kaz gie indikat Tip to Toes Hair Nails and Beauty pero` fil-fatt*

> *nikkontendi li dan huwa zball suppost kellu jigu indikat hemmhekk l-isem tal-kumpanija taghna li kienet qed tircievi l-merkanzija. Qed nigi mistoqsija hekk jiena niftakarx jekk qatt giet mghoddija lili invoice fir-rigward tal-hanut ta' Rahal Gdid f'isem il-kumpanija u nghid li jiena ma niftakarx. Nghid illi bhala fatt jiena lil Isabelle Bellia kont gbidtilha l-attenzjoni ghall-fatt li l-'Bill to' kellu jindika l-isem tal-kumpanija u mhux tal-hanut taghna biss. Minkejja dan (hi) xorta wahda kienet tibqa' tohrog invoices a bazi tad-dicitura li tindika l-hanut taghna u ahna a bazi ta' dawn l-invoices konna nhallsu.* »

Ghat-Tribunal dan kollu huwa indikattiv tal-fatt li r-relazzjoni guridika krejata bil-kunsinnji ta' prodotti mill-atturi fil-hwienet tal-intimati kienet wahda esklussivament bejn l-istess atturi u l-intimati stess, dan kemm ghaliex l-applikazzjoni relattiva ghal tali negozju tindika lill-intimata f'isimha persunali bhala l-klijenta u anke ghaliex l-intimata kienet regolarment thallas a bazi ta' *invoices* mahruga fuq isem il-hwienet taghha a bazi ta' tali applikazzjoni u liema *invoices* ma kenux jaghmlu ebda referenza ghas-socjeta` imsemmija minnha.

Da parti tal-atturi t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehdet l-attrici Isabelle Bellia u cioe` li « *dak kollu li kien jirrigwardja negozju li jiena kont qed naghmel f'ismi personali bhal Hair Nails and Beauty Supplies gie mghoddi lill-istess kumpanija. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li llum il-gurnata dawn il-flus huma dovuti lill-kumpanija biss peress li hija l-kumpanija li hadet kollox* » (xhieda moghtija fil-31 t'Ottubru, 2018). Dan ifisser li t-talba attrici tista' se mai tintlaqa' biss fil-konfront tal-istess socjeta` attrici stante t-trasferiment tan-negozju ammess mill-istess attrici Bellia.

Jifdal allura li tigi determinata t-talba ghall-hlas fid-dawl tal-eccezzjonijiet espressament sollevati mill-istess intimati. Permezz tal-eccezzjonijiet taghhom l-intimati jippruvaw jargumentaw li huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi u dan ghaliex fl-2017 huma ma ghamlu l-ebda negozju mal-atturi. B'mod partikulari l-intimat jikkontendi li huwa qatt

m'ghamel ebda negozju maghhom. F'dan ir-rigward huwa opportun li ssir referenza ghal dak li jipprovdi espressament l-art. 1324 tal-**Kodici Civili** u cioe` li, ai fini ta' amministrazzjoni, konjugi wiehed jista' jwettaq dawk l-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc u negozju (anke meta dawn l-atti jkunu jammontaw ghal amministrazzjoni straordinarja). Hekk ukoll, skont l-art. 1327 tal-**Kodici Civili** l-ispejjez u l-obbligi li jkunu saru ghall-amministrazzjoni tal-akkwisti jigu sopportati minn beni tal-istess komunjoni tal-akkwisti. Fil-kaz in ezami dan iffisser li anke jekk in-negozju – li f'dan il-kaz certament li huwa kostitwit minn atti normali ta' gestjoni - kien qed isir mill-intimata wehidha, l-intimat ukoll, in kwantu konjugi, huwa responsabbli ghal kwalunkwe dejn rizultanti minn tali negozju. Fuq kollox hija l-intimata stess li tirreferi ghall-"*hwienet taghna*".

L-intimata tipprova tikkontendi wkoll li hija m'ghandha taghti xejn ghaliex in-negozju effettivament ma sarx fl-2017 ghax dik is-sena hija kienet diga` ghalqet il-hwienet taghhom. Dan jinsab konfermat ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-istess attur permezz tan-nota tieghu datata 27 ta' Novembru, 2018 u li whud minnhom huma datati Awwissu 2014 (fol. 45 tal-process) filwaqt li l-*invoices* annessi mal-avviz jinsabu datati 20 ta' Novembru, 2017 u 15 ta' Frar, 2018.

Illi minghajr ma jidhol f'aspetti li ma jistghux jitqanqlu mit-Tribunal *ex ufficio*, it-Tribunal jinnota li, lilhinn minn kull disgwid bejn il-partijiet fir-rigward tad-dati illi fihom saru il-kunsenji u r-*reconciliation* relattiva, huwa stabilit li l-mertu tal-kaz huwa proprju jekk fadalx bilanc dovut mill-intimati fir-rigward tal-ahhar konsenji li saru fil-hwienet taghhom. It-Tribunal fehem li tali *reconciliation* sehhet proprju meta l-attrici Bellia giet sabiex tghaddi n-negozju taghha lis-socjeta` attrici u, kif xehed Dr. Andre` Borg permezz tal-affidavit tieghu, « *meta twaqqfet il-kumpannija DIVA u sar it-trasferiment tan-negozju, kont tlabt lil Isabella tghaddili lista tad-debituri kollha li fosthom kien hemm il-konvenuta* » Tramite l-affidavit tieghu l-istess attur Borg jammetti li « *tajt struzzjonijiet li ssir ir-rikonciljazzjoni tal-prodotti li sahansitra kienu ilhom li gew ikkonsenjati lil Joanne Camilleri sa mill-2014* ». Avut rigward ghall-fatt li t-Tribunal

ghandu jiddetermina l-kwistjonijiet quddiemu skont l-ekwita` u, kemm jista' jkun minghajr formalita` zejda, il-kwistjoni li ghandha tigi determinata hija proprju jekk tramite tali rikonciljazzjoni kienx ghad hemm bilanci pendenti dovuti mill-intimati fl-ammont mitlub.

Skont ix-xhieda tal-intimata, waqt tali *reconciliation*, irrizulta proprju li hija ma kienet bieghet xejn mill-prodotti suppliti lilha li fil-fatt gew allegatament restitwiti lkoll lill-attrici. F'dan ir-rigward hija xehdet li « *wara li ghamilna dan l-ezercizzju jiena u hi bqajna li ma kien hemm xejn x'naghtiha.* (…) *Invoices ma hargitx peress li ma kienx hemm x'tohrog.* » (xhieda moghtija fit-18 ta' Frar, 2019).

It-Tribunal isib minnufih li din il-verzjoni wkoll m'hija wahda xejn kredibbli u dana peress li f'dan il-kaz ukoll tinsab kontradetta mid-dokumentazzjoni ezebita senjatament dawk ezebiti mal-avviz tat-talba u wkoll permezz tan-nota tal-attur datata 27 ta' Novembru, 2018. Dawn id-dokumenti, oltre milli juru l-konsenji li saru, juru wkoll ammonti dovuti mill-intimati fir-rigward ta' diversi prodotti li ma nbieghux. Huwa minnu wkoll li l-intimata, riskontrata b'dawn id-dokumenti, tipprova targumenta li l-firma li tinsab indikata fuqhom m'hijiex taghha. F'dan is-sens hija xehdet : « *l-firma tieghi hija dik li tidher fid-dokument JC1 li gie ezebit minni llum u mhux dik li tidher fuq id-dokument li jinsab esebit a fol. 45* ». It-Tribunal isib li anke dan m'huwiex hlief tentattiv pwerili da parti tal-intimata sabiex tipprova tahrab mill-obbligu taghha ta' hlas. Min-naha taghha hija baqghet qatt ma ressqet dokumenti li jippruvaw li mir-rendikont li sehh hija ma kellha taghti xejn lill-atturi ghaliex ma kienet bieghet xejn u kwindi kienu ingabru l-prodotti kollha akkwistati minnha. Kien ikun certament fl-interess taghha li mhux biss li titlob u zzomm kopja ta' tali dokumenti li jiccertifikaw tali rendikont imma wkoll li, fin-nuqqas tal-istess, riskontrata b'talba ghall hlas u wkoll b'mandat kawtelatorju, tfakkar lill-attrici li da parti taghha ma kienx hemm ebda hlas dovut ghal din ir-raguni. Minflok jirrizulta car li, rinfaccjata bil-kontijiet odjerni, l-intimata mhux biss ma ressqet ebda dokumenti in kuntradizzjoni ghall-istess imma wkoll ma cahditx li ghandha thallas lill-attrici u sahansitra talbet kopja tal-*invoices* (ara f'dan is-sens messagg mibghut minnha

bit-telefon fl-1 ta' Dicembru, 2017 Dok IB1 u emails datati rispettivament 12 u 13 ta' Frar, 2018 u 13 ta' Marzu, 2018) – meta f'dawn il-proceduri, kif citata hawn fuq, xehdet li « *invoices ma hargitx peress li ma kienx hemm x'tohrog* » Kieku kien minnu li l-intimata ma kellha xi thallas xejn hlief ammont zghir ghall-oggetti mixtrija ghall-uzu persunali taghha zgur li ma kenitx titlob zmien sabiex taffetwa l-pagament – kif fil-fatt hija stess tammetti li ghamlet ; zgur ukoll li ma kienx ikollha ghalfejn titlob l-*invoices* (li skont hi ma kellhomx u ma setghux jinhargu) u/jew il-*consignment papers* imma kienet minnufih twiegeb li, fir-rigward ta' tali konsenji, ma kien hemm xejn aktar dovut ghaliex il-merkanzija kollha kienet ingabret. Ma jirrizultax li wara li rceviet l-*invoices* annessi mal-avviz l-intimata ikkontestat formalment jew informalment il-validita` tal-istess jew hadet xi azzjoni fir-rigward tal-firem fuq id-dokumenti, kif kienet taghmel kwalunkwe persuna ohra riskontrata b'kontijiet ferm oltre l-ammonti mistennija u, perdipiu`, b'firem foloz. Dawn il-fatti, oltre dak diga` nutat hawn fuq fir-rigward tal-legittimu kuntradittur tal-azzjoni odjerna, mhux biss jikkontradicu imma ixejnu ghal kollox il-kredibilita` tax-xhieda kollha moghtija mill-istess intimata.

Illi fir-rigward tal-ammont mitlub dan jirrizulta allura ampjament pruvat mid-dokumentazzjoni ezebita mill-atturi a fol. 4 sa fol. 9 tal-process u minn fol. 37 sa fol. 50 tal-process.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talbiet attrici sakemm dawn jirrigwardjaw lis-socjeta` attrici DIVA Beauty Inc Supplies Limited u jichadhom sakemm jirrigwardjaw l-attrici Isabella Bellia, jichad l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm kompatibbli mas-surreferit u jilqaghhom ghall-bqija sakemm jirrigwardjaw l-attrici Bellia u konsegwentement jordna lill-intimati ihallsu lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta' tmin mija tnejn u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€842.54) rapprezentanti l-valur tal-bejgh ta' prodotti kkunsinnati lilha skont il-ftehim ta' kunsinna bl-ispejjez tas-socjeta` attrici jigu sopportati mill-konvenuti

filwaqt li l-attrici Bellia tissaporti l-ispejjez taghha stess u bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi annessi mal-avviz tat-talba kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**